MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 154/2014

Appell Nru: 154/2014

Il-Pulizja

Spettur Ramon Mercieca

Vs

Keith Gatt

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Keith Gatt, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 440278M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Ottubru, 2013 bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjhoni b'mod li ma jkunux jistghu jig f'idejn haddiehor u dan bi ksur ta' Kap 480 art. 47(1).

Akkuzat ukoll talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 274(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

Akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi bhala detentur ta' licenzja taht xi dispozizzjoni ta' dan l-Att dwar l-armi naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenjz ajew li kellu fil-pussess jew kien igorr xi arma tan-nar jew munizzjoni mhux specifikati fil-licenjza mahruga lilhu  u dan bi ksur tal-artikolu 52 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita ta' kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 7(1)(d), L.S. 504.71.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess teighu bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S.504.71.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll is-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien ta' mhux inqas minn sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fis-26 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 47(1), 27(1), 52 tal-Kapitolu 480 u Regolamenti 7(1)(d) L.S. 504.71, 7(2) L.S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabet lill imputat hati skond l-akkuzi dedotti kontrih u kkundannatu multa ta' seba mitt ewro (€700). Ordnat ukoll il-konfiska tal-bird caller.

Rat ir-rikors tal-appell Keith Gatt, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' April, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar u tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas, timmodifika s-sentenza sucitata billi tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi, salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ Keith Gatt esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi kif ukoll tal-fatti.

Illi mill-ewwel ghandu jinghad illi rigward l-ewwel tlett akkuzi dwar iz-zamma tal-munizzjon, l-esponent jikkontendi li dawn l-akkuzai ma jistghu qatt jittiehdu bhala pprovati stante li min-naha tieghu huwa ha l-prekawzjonijeit kollha necessarji u l-iskratac zejda li huwa kellu zammhom imsakkrin gewwa l-vettura tieghu.

Illi min-naha taghhom l-ufficjali li accedew fuq il-post, kienu jafu x’kienu qieghdin ifittxu u li hekk kif lemhu l-istess skratac dehrilhom li kellhom jinhargu l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-appellatn.

Illi mandanakollu jinghad li ghad li l-iskratac kienu visibbli ghal persuna li qieghed ifittxhom, min-naha l-ohra certament ma jistax jinghad li l-akkuza giet sodisfacentement ipprovata stante li dawn l-iskratac kienu msakkrin fil-vettura tieghu u l-acess ghall-istyess oggetti kien ghal kollox impossibli ghal terzi persuni li ma kellhomx licenzja ghaz-zamma tal-istess munizzjon.

Illi f’dan is-sens jinghad li l-appellant huwa l-unika persuna li kellha access ghall-istess vettura, u li huwa l-unika persuna li ghamel uzu minnha, u ghaldaqstant dawn il-fatti ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni li l-istess munizzjoni seta’ b’xi mod gie f’idejn haddiehor, hekk kif tghid l-ewwel akkzua.

Illi in oltre, hija l-umli fehma tal-appellant li c-cirkostanzi hawn spjegati ma jistghu qatt iwasslu ghasl-sejbien ta’ htija ghal dak li ghandhom x’jaqsmu l-akkuzi mahruga ai termini tar-regolamenti 7(1)(d) u regolametn 7(2) tal-legislazzjoni sussidjarja 504.71.

Illi effettivament l-artikolu 7(1)(d) jghid is-segwenti;

*7. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tarregolamenti 8 u 9, ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur billi tuża xi wieħed mill-metodi li ġejjin:*

*(d) xi gass, jew apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar;*

Illi imbghad, ir-regolament numru 7(2) jghid kif gej:

*(2) Ebda persuna m'għandha tbiegħ, toffri għall-bejgħ, tesebixxi għall-bejgħ, tuża jew iżżomm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa pprojbit taħt is-subregolament (1).*

Illi bid-dovut rispett jinghad li l-fatti tal-kaz in dezamina ma jsibux komfort u ma jinkwadrawx ruhhom fid-dicitura tal-ligi kif riprodotta hawnhekk. Preliminarjament jinghad illi l-appellant ma kienx qieghed jaghmel uzu tal-istess apparat kif trid il-ligi. Illi jekk kien hemm akkuza f'dan is-sens, din l-istess akkuza ghandha tigi pprovata bil-grad li trid il-procedura kriminali, u mhux permezz ta' suppozizzjonijiet u assunzjonijet hekk kif irnexxiela tipproduci l-prosekuzzjoni permezz tal-affidavits esebiti.

Illi l-istess affidavits jirreferu biss ghal hsejjes li huma semghu mill-boghod u li waqfu wara xi hin. Min imkien ma jirrizulta li dawn il-hsejjes kienu qeghdin jemergu mill-vettura tal-imputat odjern, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-apparat generiku li nstab fil-vettura tal-imputat ma kienx qieghed jiffunzjona meta saret it-tfittxija peress li ma kellu batterija.

Illi se ma, u in pessima ipotezi, l-Qorti setghet issib lill-imputat hati tar-reat inferjuri taz-zamma tal-apparat in kwistjoni fil-vettura tieghu izda qatt ma setghet issibu hati tal-uzu tieghu meta f'l-ebda stajdu ma giet prodotta l-ebda ombra ta' prova f'dan is-sens.

Illi aktar minn hekk jinghad li fil-kazz in dizamina l-bird caller ma kien xejn hlief apparat generiku li permezz tieghu wiehed ikun jista' jisma l-muzika fil-karozza tieghu, apparat li ndubjament, bl-ebda mod ma huwa ristrett bil-ligi.

Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva. Jinghad li l-appellant esponent mhuwiex xi persuna midhla tal-Qrati; din kienet l-ewwel okkazjoni fejn hwua gie akkuzat b'akkuzi ta' dan it-tip u minhabba f'hekkjista' jigi mitqies 'a first time offender' ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Illi ghaldaqstant il-Qorti setghet facilment tasal ghal-piena pekunjarja li kienet tqarreb aktar lejn il-minimu.

Illi aktar minn hekk, il-Qorti ghazlet li tinfliggi fuq l-appellant is-sospensjoni tal-licenzja ghaz-zamma tal-arma ghal perjopdu ta' sena. L-appellant jikkontendi li tenut kont it-totalita' tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern din l-istess sospensjoni kienet altro che eccessiva.

Illi l-appellant huwa ragel habireki li dejjem hadem ghal familja tieghu, huwa persuna bil-ghaqal li jghix hajja ta' awtodixxiplina, u l-uniku zvog tieghu huwa propju l-kacca. Meta wiehed jikkonsidra illi dan l-incident kien rizulta ta' misinformazzjoni aktar minn xejn aktar, l-appellant jikkontendi li piena pekunjarja fil-minimu permessibbli mil-ligi minghajr is-sospensjoni certament kienet ktun piena idoneja fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat,

Fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) il-pulizija kellhom rapport illi kienu qeghdin juntuzaw bird callers illegali fl-inhawi ta' Bingemma limiti tal-Imgarr. PC 1026 B. Gauci, PC 1023 A. Bugeja u PS 364 David Borg marru fuq il-post fejn hemmhekk wara li ghamlu ronda, vverifikaw illi l-hoss kien gej minn vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni KTH 509. Meta waslu vicin il-vettura l-hoss waqaf. Però innutaw illi kien hemm usb imqabbad mal-istereo tal-vettura li minnu kien hiereg wire fejn kien jidher illi kien qed isir kontroll permezz tar-radju. Fil-vettura kien hemm ukoll ammont sostanzjali ta' skratac fil-kaxxi taghhom mal-art wara s-seat tax-xufier. Irrizulta illi l-vettura kienet registrata fuq l-appellant Keith Gatt illi gie hdejn il-karozza fejn il-pulizija ordnawlu jiftah il-vettura u minn

hemmhekk elevaw l-apparat elettroniku u mija u sitta u sittin (166) skartocc kif ukoll ir-remote bl-aerial.

Ghalhekk l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tas-26 ta' Marzu 2014 (fol 8) l-appellant gie misjub hati, ikkundannat seba' mitt ewro (€ 700) kif ukoll il-konfiska tal-bird caller. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. Di più bhala l-ewwel reat tieghu l-ewwel Qorti ma kellhiex il-licenzja tal-kacca tieghu.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti ma ordnatx is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca. Wara l-impozizzjoni tal-multa ordnat biss il-konfiska u l-Qorti tista' tirrevedi biss dawn iz-zewg elementi tal-piena u ma tistax tikkonsidra piena ohra illi l-ewwel Qorti ma erogatx.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-appellant qieghed jargumenta illi l-bird caller kien fil-fatt mp3 player illi huwa apparat generiku illi jista' jintuza minn kulhadd ghall-uzu divers bhalma huwa d-daqq tal-muzika kif ukoll recording ta' diskors u ghalhekk dak l-mp3 player ma kellux jitqies bhala bird caller fis-sens tal-ligi. Terga' ghal dak illi huma l-iskratac, dawn kienu fil-karozza maqfula fil-kaxxa taghhom u ghalhekk ma kienux accessibbli ghall-pubbliku.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-mp3 player jekk dan kien qed jintuza bhala "bird caller" kif seta' facilment jintuza, jekk dak li jkun jiddawnlowdja permezz tal-internet l-kant tal-ghasafar u dan jirriproducih b'mod illegali biex ikun aktar jista' jikkaccja l-ghasfur koncernat, allura f'dan il-kaz dak jikkwalifika bhala bird caller f'kull sens tal-ligi u l-pussess teighu hu fi ksur tal-ligi. B'sentenza moghtija fil-5 ta' Novembru, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Nazzareno Aquilina" (157/2003), il-Qoti dahlet fil-kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-ligi kriminali fir-rigward tal-pussess ta' xi mezz elettriku jew elettroniku (pre-recorded bird calls).

Ikkonfermat li skond il-ligi, kif emendat, m'hemmx ghalfejn jigi pruvat li l-pussess tal-apparat inkriminanti kien intiez biex jintuza ghat-tehit tal-ghasafar jew ghall-kacca, imma kwalunkwe pussess ta' dan l-apparat ikun fejn ikun u ghal-liema skop inkun, huwa imputabbli.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova illi dak il-"bird caller" kien qed jigi uzat mill-appellant permezz tar-"radio control" li mill-boghod seta' jikkontrolla l-hoss hiereg minn dak il-"player". Fil-fatt meta induna illi l-pulizija kienu qeghdin javvicinaw tefa' dan il-hoss biex meta waslu vicin il-karozza l-hoss kien mitfi. Ghalhekk l-appellant kien fil-ksur tal-ligi meta kien qieghed juza dik is-sistema bhala "bird caller" elettroniku.

Ghal dak li jirrigwarda l-iskratac, dawn kienu fil-karozza ben vizibbli ghall-pubbliku. Il-karozza ma tistax titqies bhala post privat; minkejja illi tkun maghluqa, din ma toffri l-ebda sigurtà kif id-diversi cirkostanzi ta' serq ta' karozzi juru. Ghalhekk, l-appellant kien fil-ksur tal-ligi meta halla ammont kbir ta' skratac esposti ghall-pubbliku fil-karozza.

L-appellant jilmenta ukoll mill-quantum tal-piena. Il-Qorti tirrileva illi l-artikolu 27(3) tal-Kap 480 jippreskrivi piena ghall-ewwel darba ta' multa ta' mhux anqas minn hames mitt ewro (€ 500) izda mhux izjed minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti. Dan fuq akkuza wahda. L-appellant però gie misjub hati tal-akkuzi l-ohrajn ukoll. Kwindi l-piena altru li qieghda fil-parametri tal-ligi jekk mhux addirittura anqas. Il-principju regolatur hu li mhux normali illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tirrizulta li tkun fil-parametri tal-ligi. Dan hekk hu f'dan il-kaz, kwindi l-Qorti mhiex sejra tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appelleta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------